## Il-Benċmark ta' Tmiem l-Edukazzjoni Primarja
## 2021
## L-Iskema tal-Marki

Aċċetta l-kitba ta' kliem mill-Ingliż jekk jinkiteb kif jinħass fil-Malti jew kif jinkiteb fl-Ingliż, dejjem jekk ma jkunx hemm kliem ieħor popolari bi lsienna.

**A. Il-Kitba ta' Djalogu (10 marki)**

F'din il-kitba qasira, l-istudenti jridu: jiktbu kitba bil-karatteristiċi ta' djalogu jiġifieri li t-taħdit ikun jalterna bejn il-kelliema, iżommu mal-kronolġija, jibqgħu mas-suġġett u jużaw il-punteġġjatura. Il-kitba trid tkun ċara u mexxejja.

| L-Espressjoni (2 marki) | |
|---|---|
| **0-1** | **2** |
| Ma jafx jesprimi ruħu bil-kitba. | Jaf jesprimi ruħu tajjeb u b'mod ċar. |

| Il-Vokabularju (2 marki) | |
|---|---|
| **0 - 1** | **2** |
| Għandu firxa limitata ħafna ta' vokabularju. | Għandu firxa wiesgħa ta' vokabularju. |

| Il-Grammatika, inkluża s-Sintassi (2 marki) | |
|---|---|
| **0 - 1** | **2** |
| Ħa ħafna żbalji tal-grammatika u ma jafx jibni sentenza sew. | Jaf ir-regoli ewlenin tal-grammatika u l-istruttura tas-sentenza hija tajba. |

| L-Ortografija u l-Punteġġjatura (3 marki) | | | |
|---|---|---|---|
| **0** | **1** | **2** | **3** |
| Ġab iktar minn 10 żbalji mhux repetuti. | Ġab bejn 7 u 9 żbalji mhux repetuti. | Ġab bejn 4 u 6 żbalji mhux repetuti. | Ġab 3 żbalji jew inqas mhux repetuti. |

| | |
|---|---|
| **L-Eċċellenza (marka)** | Din il-marka tingħata biss jekk l-istudent juri li l-kitba tiegħu tispikka. |

***F'każ li l-istudent ma jużax l-istruttura ta' djalogu, agħti nofs il-marka li jġib, wara li tikkoreġi b'mod normali.***

**B. Il-Kitba ta' Ittra Informali (20 marka)**

**Il-pjan tal-kitba (2 marki)**

*Il-pjan jista' jkun magħmul b'diversi modi. Jista' jkun fih kliem u/jew tpinġijiet.*
*Għall-pjan tnaqqasx marki għall-ortografija, għall-grammatika u għall-punteġġjatura.*

| | |
|---|---|
| ▪ Il-pjan huwa relevanti mas-suġġett li ntgħażel. | 1 |
| ▪ Il-pjan huwa organizzat sew. | 1 |

*Student li jikkopja l-għajnuniet mogħtija mingħajr ma jżid xejn minn tiegħu, jew li jagħmel pjan bla ebda relevanza mas-suġġett li għażel, ma jiħux marki.*

<table>
<tr><td colspan="6">Il-kitba ta' Ittra Informali (18-il marka)</td></tr>
<tr><td colspan="6">L-istudent għandu jikteb bejn 140 u 200 kelma.<br>Importanti li jkun hemm il-komponenti kollha tal-ittra: L-indirizz (jiġi aċċettat kemm fuq il-lemin kif ukoll fuq ix-xellug), id-data, it-tislima, it-tqassim u t-tislija.</td></tr>
<tr><td colspan="6">L-Espressjoni (2 marki)</td></tr>
<tr><td colspan="3">0-1</td><td colspan="3">2</td></tr>
<tr><td colspan="3">▪ Ma jafx jesprimi ruħu bil-kitba – ebda marka.<br>▪ Ma jafx jikkomunika sewwa l-ħsibijiet b'kitba ċara u b'ordni – marka waħda.</td><td colspan="3">▪ Jaf jesprimi ruħu tajjeb, b'mod ċar u b'ordni.</td></tr>
<tr><td colspan="6">It-Tqassim (3 marki)</td></tr>
<tr><td colspan="3">0-1</td><td colspan="3">2-3</td></tr>
<tr><td colspan="3">▪ Kitba mingħajr ebda tqassim ta' paragrafi.<br>▪ Kitba li fiha ħjiel ta' paragrafi imma mhux imħaddma b'konsistenza tul il-kitba.</td><td colspan="3">▪ Kitba mqassma f'paragrafi li jagħmlu sens.<br>▪ Kitba mqassma f'paragrafi bis-sens li jorbtu tajjeb flimkien u jwasslu għal mixja fil-ħsieb.</td></tr>
<tr><td colspan="6">Il-Vokabularju (3 marki)</td></tr>
<tr><td colspan="3">0 - 1</td><td colspan="3">2-3</td></tr>
<tr><td colspan="3">▪ Kitba li għandha firxa limitata ħafna ta' vokabularju.</td><td colspan="3">▪ Kitba li għandha firxa wiesgħa ta' vokabularju.</td></tr>
<tr><td colspan="6">Il-Grammatika, inkluża s-Sintassi (4 marki)</td></tr>
<tr><td colspan="3">1 - 2</td><td colspan="3">3 - 4</td></tr>
<tr><td colspan="3">▪ Kitba b'ħafna żbalji tal-grammatika u mingħajr struttura tajba tas-sentenzi.</td><td colspan="3">▪ Kitba bir-regoli ewlenin tal-grammatika u struttura tajba tas-sentenzi.</td></tr>
<tr><td colspan="6">L-Ortografija u l-Punteġġjatura (5 marki)</td></tr>
<tr><td>0</td><td>1</td><td>2</td><td>3</td><td>4</td><td>5</td></tr>
<tr><td>Ġab iktar minn 21 żball mhux repetut.</td><td>Ġab bejn 14 u 20 żball mhux repetut.</td><td>Ġab bejn 11 u 13-il żball mhux repetut.</td><td>Ġab bejn 8 u 10 żbalji mhux repetuti.</td><td>Ġab bejn 5 u 7 żbalji mhux repetuti.</td><td>Ġab 4 żbalji jew inqas mhux repetuti.</td></tr>
<tr><td colspan="3">L-Eċċellenza (marka)</td><td colspan="3">Din il-marka tingħata biss jekk l-istudent juri li l-kitba tiegħu tispikka.</td></tr>
<tr><td colspan="6">Jekk l-istudent jikkonċentra aktar fuq aspett wieħed tat-titlu, ma jitnaqqsux marki.</td></tr>
<tr><td colspan="6">F'każ li l-istudent joħroġ barra mis-suġġett, agħti nofs il-marka li jġib, wara li tikkoreġi b'mod normali.</td></tr>
</table>